**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA., LL.D.

**Il-Pulizija**

(Supt. P Sammut/Supt. P Calleja)

**vs**

**A.B.**

Illum 4 ta` April 2002.

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat AB;

1. Talli fl-Ghassa tal-Pulizija ta` Haz-Zebbug, fil-5 ta` Jannar 2001, f`xi hin wara nofs inhar, bi vjolenza u b`eghmil zieni, ikkorrompa lil CD, persuna taht l-eta`;
2. Talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta` awtorita` kompetenti, zammejt jew issekkwestrajt lil CD kontra l-volonta` taghha;
3. Talli fl-istess, lok, hin u cirkostanzi, bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, dolozament, bi ksur tad-

dmirijiet tieghu, ghamel jew naqas li jaghmel xi att b`taghkis jew bi hsara ta` CD;

4. Talli bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku, ikkommetta reat li huwa kellu jissorvelja li ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu dmir li jimpedixxi.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-26 ta` April 2001.

Rat li fis-seduta tat-8 ta` Mejju 2001 l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il-Qort.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

**1.** Kmieni filghodu tas-Sibt 6 ta` Jannar 2001 (4.15 am.), il-Pulizija ta` Haz-Zebbug giet mgharrfa mill-Kamra tal-Kontroll tal-Pulizija, li "xi karrozza dahlet go hanut". Il-Kuntistabbli 82 Carmel Dingli, flimkien ma

ohrajn, hasbu li grat xi serqa, hadu arma maghhom u marru Triq Kosbor. Fl-inhawi ma sabu xejn. Wara telefonata ohra mill-Kamra tal-Kontroll marru hdejn l-Ghassa ta` Haz-Zebbug u sabu l-karrozza ta` Dingli qed taqbad u spiccat ghal kollox (fol.99-100). Dingli, billi kienet taqbad kwistjonijiet mieghu, EF, issusspetta fiha. Din flimkien mal-habib taghha GH u l-minorenni CD gew arrestati (fol.24). Din ta` l-ahhar giet arrestata ghax instabet rieqda fid-dar ta` EF. Kienet telqet mid-dar ta` missierha fit-30 ta` Dicembru 2002. GH ingabar minn xi post iehor. L-arrest sar ghall-habta tas-7.30 am. tas-6 ta` Jannar (fol.25). Waqt l-istharrig EF u CD bdew jghidu li fil-5 ta` Jannar hargu mill-Ghassa xi s-6.00 pm., u hekk ma qablux ma PC 82 li kien semma it-8.45 pm. Wara, skond l-Ispettur Silvana Agius, CD "bdiet tghidilna verzjoni ohra". (fol.26-27). Hargu l-allegazzjonijiet kontra l-akkuzat. Il-kaz gie mghodddi f`idejn is-Supretendenti Calleja u Sammut u wara gie mgharraf l-Assistant Kummissarju, (illum Kummissarju).

**2.** Fit-2 ta` Jannar wara nofs inhar, regghet giet migbura EF u l-pulizija semmiet xi haga dwar "oral sex" vis-à-vis l-akkuzat. EF innegat. Wara irrepetiet jew ahjar qablet ma dak li kienet qalet CD (fol.38) xhieda Supretendent Sammut.

**3.** It-Tnejn filghaxija Sammut baghat ghall-akkuzat li cahad kollox. L-akkuzat ghamel zewg stqarrijiet: 8

ta` Jannar 2001 (fol 10A-17) u 23 ta` Jannar 2001 (fol.18). EF u CD ghamlu stqarrijiet lil Pulizija li ma gewx esibiti. Importanti kienet tkun l-istqarrija ta` CD biex il-Qorti taghmel tqabbil u kontrolli. L-akkuzat fl-istqarrijiet cahad kollox. Sar konfront bejn CD u l-akkuzat fejn it-tnejn ma ccaqalqux minn dak li kienu qalu. Kien aktarx l-akkuzat li talab il-konfront (fol.50 - xhieda ta` Supretendent Calleja). Sar iehor aktarx qasir bejn EF u l-akkuzat (ibid).

**4.** Briffa xehdet quddiem il-Qorti imma EF wara li giet imwissija mill-Qorti ghazlet li ma twegibx, hlief ghal xi affarijiet zghar.

**5.** Il-Qorti thoss li l-hruq tal-karrozza tal-pulizija Dingli ma jistghax ma jitqiesx f`dan il-kaz. Jidher li l-investigazzjoni ghadha sejra. Il-Qorti ma taf xejn izjed. L-allegazzjonijiet kontra l-akkuzat saru waqt dik l-investigazzjoni. Irid jigi kkunsidrat kollox f`daqqa. Kienet l-istess prosekuzzjoni li ghamlet certi mistoqsijiet lil CD.

*Mist: "Fil-bidu l-pulizija arrestawkhom u kellmukhom fuq il-hruq tal-karrozza, mela kif harget din l-istorja, ghal x`hiex ghidtha din l-istorja inti, meta kien qed ikellmek fuq il-hruq tal-karrozza, kif harget din l-istorja?"*

*Tweg: Jiena lanqas kont naf biha din il-bicca tax-xoghol tal-karrozza.*

*Mist: Imma l-pulizija fuq il-karrozza kienu qed ikellmuk, sewwa, inti ghidtilna li kellmuk fuq il-karrozza, kif harget din l-istorja ta` x`gara u ma arax il-gimgha filghaxija."*

*Tweg: Ghax jiena ma kellix x`naqsam ma dik il-bicca tax-xoghol tal-karrozza (fol. 132 et seq.)*

Il-Prosekuzzjoni ghamlet dmirha biex tfiehem li CD ghamlet "l-allegazzjonijiet" spontanjament imma x-xhieda moghtija tista` tfisser mod iehor fil-kuntest ta` kollox. Il-Qorti hasset li kellha taghmel xi mistoqsijiet hi (fol.166).

*Mist: L-Ispettur ghalhiex irraportajtu?*

*Mist: Qallek xi hadd biex taghmel hekk?*

*Tweg: Le.*

*Mist: Imma ghalhiex irrapurtajtu?*

*Tweg: Ghax jiena tal-karrozza ma kellhix x`naqsam, u ma kellix x`nghid, u hrigt b`dawn, li ghamlilna u ma ghamlilniex.*

*Mist: Imma allura kif l-Ispettur wehel mal-karrozza. Jiena ghalhekk staqsejtek l-ewwel, ghidtlek minn gie pulizija ghalik jigbrok fuq il-karrozza. L-Ispettur x`ghandu x`jaqsam mal-karrozza.*

*Tweg: Jiena ma kellix x`naqsam mal-karrozza.*

*Mist: Min kellu x`jaqsam mal-karrozza allura?*

*Tweg: Jien naf !*

7. Il-Qorti mhux qed tghid li CD kellha x`taqsam mal-hruq tal-karrozza imma l-Qorti ghandha dmir tara kollox biex tasal ghal haqq. Ghall-bidu tax-xhieda taghha, CD ma rieditx tixhed quddiem il-Qorti (fol-74-78). Mistoqsija mill-Pulizija "Ghalhiex rega bdielek?" wiegbet "Ma nafx li ridt nixhed". Tissokta li ma tafx x`inhu gurament, ma tafx x`jigifieri tahlef, ma tafx x`jigifieri tigdeb, imma taf id-differenza bejn tghid il-verita` u tigdeb (fol.77). Meta iddecidiet li tixhed bdiet tiehu hafna zmien biex twiegeb.

CD xehdet fejn marru hi u EF fil-5 ta` Jannar. Mix-xhieda jirrizulta li EF hakmet ghal kollox lil CD li saret qisha lsiera taghha. Tehoda `l hawn u `l hin, tlaqqaghha ma dak u ma l-iehor. Fix-xhieda CD tibqa` lura dwar kif per ezempju iltaqghet l-ewwel darba ma EF. CD hija tfajla li qed tigi uzata minn EF. Tfajla li ma taf xejn imma li taf kollox dwar kull sura ta` rabtiet sesswali. Taghmel kollox u ma tisthi minn hadd u minn xejn. "Tghid" li bezghet biss mill-akkuzat, li ma riditx taghmel mieghu affarijiet meta ma haddiehor ghamlet kollox. Waqat l-istharrig il-pulizija jidher li hadmet b`mod li EF u CD ma jiltaqghux. Imma qabel ma bdew l-investigazzjonijiet dawn kienu flimkien.

9. Jirrizulta li fil-5 ta` Jannar 2001, CD u EF marru darbtejn l-ghassa ta` Haz-Zebbug. Dan jghidu wkoll l-akkuzat. L-ewwel darba kien hemm maghhom iz-zewgt itfal ta` EF li m`humiex that il-kustodja taghha. It-tieni darba it-tfal m`humiex maghhom ghax kienu inghataw lil kunjata ta` EF skond Care Order. Dak inhar EF u CD kienu marru c-cirku, wara l-Belt, minn hemm ghand il-McDonalds biex jigbru t-tfal u hekk marru l-ghassa l-ewwel darba. It-tieni darba damu l-ghassa bejn is-6.30 pm. u t-8.45 pm. Skond CD biex marru l-ghassa t-tieni darba EF cemplet (fol.113). Fl-istqarrija l-akkuzat jghid li kien ftiehem li jergghu imorru (fol.13). Hemm qbil li l-fl-ewwel okkazzjoni l-kliem kien dwar x`inkwiet ma GH, fuq imsemmi. CD ghall-ewwel ma tghidx ghal x`hiex marru l-ghassa ghalkemm saritilha mistoqsija mill-prosekuzzjoni (fol.114), izda zgur mhux biex jitkellem

fuq il-kwistjoni ta` qabel. Ftit wara (fol.119) tghid li EF haditha l-ghassa biex jitkellmu li hi kienet telqet mid-dar u kellha xi tghid ma certa Anthea. Tghid li hi kienet bil-period imma dak inhar marru ghand EF fejn kien hemm ukoll CD u z-zewg Bulgari li jahdmu c-cirku (fol.105-106). Lis-Supretendent Sammut, CD qaltlu li meta kellha gharus "kellha diversi relazzjonijiet sesswali mieghu, kemm intercourse u kemm oral sex." (fol.56). Fil-kontro-ezami tghid li kellha x`taqsam mieghu "regolari" darba biss. (fol.154)

10. Il-Qorti thoss li ma tistghax tistrieh fuq ix-xhieda ta` CD. Hemm ukoll ix-xhieda ta` JK li f`jum il-festa ta` Haz-Zebbug kien fil-hanut tar-Rangers u li hu sema` li EF ghamlet rapport fuq l-akkuzat. Hemmhekk din qalet: " …jiena ma rrapurtajtu xejn……ghax jiena kont isfel u z-zghira kienet fuq, ghax kieku stess ghamlilha xi haga l-Ispettur fuq ma tantx hemm boghod, kieku konna nisimghu xi ghajjat jew twerziq…..imma ahna sinjal li m`ghamlilha xejn……..ghax kieku konna nisimghu dawn l-affarijiet." (fol. 27. CD f`allegazzjonijiet li ghamlet deejjem sostniet li EF kienet il-hin kollu maghha.

11. CD kienet ghal kollox f`idejn EF, bniedma li jirrizulta li l-hin kollu taghmel ir-rapporti, li twahhal f`haddiehor it-telfa tal-kustodja t`uliedha u kif ittiehdu minn ghandha.

12. L-akkuzat fisser x`gara, ma biddilx verzjonijiet, hu bniedem ta` karattru incensurabbli u l-Qorti ma tarax ghalhiex m`ghandhiex temmnu.

13. Jghid Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu (Vol. 1 - pg. 94) *"It is commonly stated that a civil claim may be proved by preponderance of evidence, whilst a criminal charge must be established beyond all reasonable doubt. The jury must not convict because because they think there is rather more evidence against the accused than for him. And the more heinous the crime the higher will be the minimum of necessary proof."*

Billi l-akkuzi mressqa kontra l-akkuzat ma gew bl-ebda mod pruvati u ma jirrizultawx, **il-Qorti tehilsu minn kull htija u kastig.**

Il-Qorti tordna id-divjett tax-xandir ta` l-isem tal-akkuzat u tax-xhieda fuq kull mezz ta` medja.

Vera kopja.

Dr Jos Cassar

MAGISTRAT

L Spiteri Bailey

Dep Reg.